



Brussell, 5 ta' Frar 2021  
(OR. en)

5791/21

FIN 82  
INST 40  
PE-L 3

#### NOTA PUNT "I"

---

|          |                                                                                                |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Kumitat tal-Baġit                                                                              |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti                                                          |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2022<br>– <i>Approvazzjoni</i> |

---

1. Bi tħejjija għal-linji gwida baġitarji għall-2022 li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill, il-Kumitat tal-Baġit ikkunsidra abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, abbażi ta' proposta mill-Presidenza.
2. Fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Frar 2021, il-Kumitat tal-Baġit laħaq qbil dwar it-test kif jinsab fl-ANNEX 1.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
  - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2022, kif jinsab fl-ANNEX 1 ma' din in-nota;

- jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430<sup>1</sup>, kif estiża aktar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2021/26<sup>2</sup>, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-ANNESS 1 ma' din in-nota; u
- jagħmel arranġamenti biex dawn jintbagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet l-oħrajn u għal dan il-għan japprova l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS 2.

---

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430 tat-23 ta' Marzu 2020 dwar deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 88 I, 24.3.2020, p. 1).

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/26 tat-12 ta' Jannar 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702, (UE) 2020/970, (UE) 2020/1253 u (UE) 2020/1659, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 11, 14.01.21, p. 19).

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL**  
**DWAR IL-LINJI GWIDA BAĠITARJI GĦALL-2022**

1. Il-Kunsill jinnota li l-proċedura baġitarja għall-2022 ser tkun it-tieni waħda fil-perijodu ta' programmazzjoni 2021-2027. F'dan ir-rigward, il-baġit ser jkollu rwol importanti fl-iżvilupp u l-ilħuq tal-oġġettivi fit-tul u l-prijoritajiet politiċi maqbula mill-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxi għall-irkupru tal-ekonomija Ewropea wara l-pandemija tal-COVID-19, imsaħħaħ mill-fondi pprovduti mill-istrument temporanju għall-irkupru Next Generation EU (NGEU).
2. Il-Kunsill jenfasizza li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni jeħtieġ li jirrispettaw u jikkonformaw mal-elementi kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027<sup>3</sup> meta jistabbilixxu u jimplimentaw il-baġit għall-2022.
3. Il-Kunsill itenni li l-baġit għandu jiġi stabbilit skont il-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju<sup>4</sup>, b'mod partikolari l-prinċipji ta' unità, annwalità, ġestjoni finanzjarja tajba u trasparenza.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 (ĠU L 347, 22.12.2020, p. 11).

<sup>4</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

4. Il-Kunsill iqis li l-baġit għall-2022 għandu jkun realistiku, f'konformità mal-ħtiġijiet attwali, jiżgura bbaġitjar prudenti u, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA)<sup>5</sup>, iħalli marġini suffiċjenti taħt il-limiti massimi tal-QFP biex jittratta ċirkostanzi mhux previsti. Fl-istess ħin, il-baġit għall-2022 għandu jipprovdi biżżejjed riżorsi biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni u biex jippermetti li l-impenji li diġà saru taħt il-QFP attwali u preċedenti jitħallsu fi żmien debitu, jekk meħtieġ u f'każijiet debitament ġustifikati, wara l-implimentazzjoni tar-riallokazzjonijiet possibbli kollha fil-baġit, permezz tal-użu ta' flessibbiltajiet disponibbli, sabiex tiġi evitata kwalunkwe pretensjoni mhux imħallsa ppreżentata mill-Istati Membri. Il-livell ta' impenji pendenti (RAL) għandu jiġi ssorveljat kontinwament.
5. Il-Kunsill jissottolinja li d-dixxiplina baġitarja għandha tinżamm fil-livelli kollha, u jenfasizza l-ħtieġa ta' baġit biss jekk ikun punt ta' nefqa meqjus meħtieġ. Barra minn hekk, il-Kunsill jirrimarka li l-ammonti addizzjonali inklużi fil-baġit, pereżempju mill-użu mill-ġdid tad-diżimpenji skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju, għandhom ikunu kompletament konformi u limitati għall-ftehim dwar il-QFP 2021-2027 .
6. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għall-prevedibbiltà kemm tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit tal-Unjoni kif ukoll tal-pagamenti mill-baġit tal-Unjoni lill-Istati Membri, filwaqt li jfakkar li kemm l-ibbaġitjar nieqes kif ukoll dak żejjed joħolqu sfidi mhux mixtieqa għall-baġits nazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi b'mod trasparenti tbassiriet preċiżi u affidabbli tad-dħul kollu, inklużi rimborżi, multi u l-ammont annwali pagabbli mir-Renju Unit fl-2022 f'konformità mal-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>6</sup>, li ser jippermetti lill-Istati Membri jivvalutaw fiż-żmien dovut il-kontribuzzjoni mistennija tagħhom għall-baġit tal-Unjoni.

<sup>5</sup> Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28).

<sup>6</sup> Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

7. Il-Kunsill jissottolinja li l-għodod baġitarji korrettivi, bħall-baġits emendatorji, għandhom jinżammu għall-minimu ġustifikat, introdotti fi żmien dovut sabiex jippermettu eżami xieraq u biex jiġi evitat tfixkil fil-funzjonament tal-programmi tal-Unjoni u ffinanzjati primarjament minn riassenjazzjonijiet. B'mod partikolari, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-abbozzi ta' baġits emendatorji bbażati fuq id-dħul separatament, u mingħajr dewmien, wara li ssir disponibbli l-informazzjoni rilevanti. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tiegħu li jieħu pożizzjoni dwar abbozzi ta' baġits emendatorji malajr kemm jista' jkun.
8. B'kont debitu tal-impatt tal-pandemija tal-coronavirus u l-importanza li jitkompla l-irkupru fil-livell Ewropew, il-Kunsill jappella lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni biex sa tmien l-2021 jippreżentaw approċċ komprensiv u mmirat għall-ottimizzazzjoni tar-riżorsi tal-persunal fil-livell tal-2020, u għall-implimentazzjoni tal-modi ġodda ta' ħidma diġitali, kif ukoll biex ikomplu jfittxu titjib fl-effiċjenza fin-nefqa mhux relatata mas-salarji, inkluż billi japprofondixxu l-kooperazzjoni interistituzzjonali f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew<sup>7</sup>. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-finanzjament tal-aġenziji deċentralizzati jinżamm taħt kontroll sod u li jiġi limitat biss għal ħtiġijiet ġustifikati, kif rifless fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri<sup>8</sup>.
9. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-abbozz ta' baġit għall-2022 malajr kemm jista' jkun, sabiex il-Kunsill u l-parlamenti nazzjonali jkunu jistgħu jkollhom biżżejjed żmien biex iwettqu skrutinju dettaljat u jippreparaw il-pożizzjonijiet tagħhom bir-reqqa. Huwa jinkoraġġixxi wkoll lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-kontenut tad-dokumenti baġitarji tagħha kontinwament billi tagħmilhom aktar sempliċi, konċiżi u trasparenti. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament previsti għal atti legali ġodda jew emendi għal atti legali eżistenti li għadhom mhumiex adottati friżerva, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

---

<sup>7</sup> EUCO 10/20.

<sup>8</sup> Dok. 5375/21.

10. Barra minn hekk, il-Kunsill iheggegħ lill-Kummissjoni biex takkumpanja l-abbozz tal-baġit bis-sett komplet tad-dokumenti applikabbli elenkati fl-Artikolu 41 tar-Regolament Finanzjarju. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiggarantixxi trasparenza u viżibbiltà sħiħa tal-fondi kollha taħt l-NGEU billi tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, inklużi tabelli sommarji dwar l-appropriazzjonijiet tal-baġit taħt l-NGUE.
11. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tinforma regolarment lill-Istati Membri dwar id-dħul assenjat imdaħħal fil-baġit, inkluż mill-NGUE u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mar-Renju Unit<sup>9</sup>, u biex issegwi l-obbligi tagħha previsti fir-Regolament Finanzjarju fir-rigward tad-dħul assenjat l-ieħor li huwa allokat għal ċerti programmi f'konformità mal-ftehim dwar il-QFP 2021-2027. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-ispejjeż ta' finanzjament tal-NGEU, u l-ġestjoni tad-dejn u l-obbligazzjonijiet l-oħra kollha tal-baġit tal-Unjoni.
12. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet kollha biex jikkollaboraw b'mod effiċjenti u kostruttiv, sabiex jagħtu lok għal proċedura baġitarja mingħajr xkiel u għall-istabbiliment tal-baġit għall-2022 fl-iskadenzi stabbiliti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). B'mod partikolari, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex taġixxi bħala medjatur imparzjali matul il-proċedura baġitarja kollha. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura l-aċċess fi żmien debitu għall-abbozzi ta' elementi għal konklużjonijiet konġunti, li jkun fihom l-informazzjoni rilevanti kollha (b'mod partikolari dwar l-impenji u l-pagamenti) sabiex tiffaċilita l-proċess ta' konċiljazzjoni.
13. Il-Kunsill itenni l-importanza kbira li huwa jagħti lil dawn il-linji gwida u jistenna li l-Kummissjoni tiegħu kont debitu tagħhom fit-tnejn tal-abbozz tal-baġit għall-2022.
14. Dawn il-linji gwida ser jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra.

---

<sup>9</sup> Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, Parti ħamsa dwar il-Parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, Ġestjoni Finanzjarja Tajba u Disposizzjonijiet Finanzjarji u l-protokoll relatat (ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14).

**ABBOZZ TA' ITTRA**

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew  
Segretarju Ġenerali tal-Kunsill  
President tal-Kummissjoni  
President tal-Qorti tal-Ġustizzja  
President tal-Qorti tal-Awdituri  
President tal-Kumitat tar-Reġjuni  
President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Ombudsman Ewropew  
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data  
Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

Sinjur(a),

Qiegħed nibgħatlek separatament<sup>10</sup> il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2022, adottati mill-Kunsill fis-16 ta' Frar 2021.

[Formula ta' għeluq].

\_\_\_\_\_

---

<sup>10</sup> Dok. 5791/21.